



Brussell, 14 ta' Frar 2025  
(OR. en)

5617/25

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2024/0321(NLE)

---

---

ENFOPOL 27  
CRIMORG 9  
CT 6  
IXIM 16  
COLAC 9  
CORDROGUE 6  
JAI 85

#### **ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

---

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil dwar kooperazzjoni mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u l-Pulizija Federali tal-Brażil u permezz tagħhom

---

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2025/...**

**ta'...**

**dwar il-konklużjoni  
tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea  
u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil  
dwar kooperazzjoni mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea  
għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol)  
u l-Pulizija Federali tal-Brażil u permezz tagħhom**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b' mod partikolari l-Artikolu 16(2) u l-Artikolu 88, flimkien mal-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (a)(v), u l-Artikolu 218(7) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew<sup>1</sup>,

---

<sup>1</sup> Kunsens ta'... (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2016/794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>2</sup> jipprevedi li huwa possibbli li l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) tittrasferixxi data personali lil awtorità ta' pajjiż terz abbażi, forst l-oħrajn, ta' ftehim internazzjonali konkluż bejn l-Unjoni u dak il-pajjiż terz skont l-Artikolu 218 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), li jipprovdi salvagwardji adegwati fir-rigward tal-protezzjoni tal-privatezza u d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-individwi.

---

<sup>2</sup> Ir-Regolament (UE) 2016/794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2009/371/ĠAI, 2009/934/ĠAI, 2009/935/ĠAI, 2009/936/ĠAI u 2009/968/ĠAI (ĠU L 135, 24.5.2016, p. 53, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2016/794/oj>).

- (2) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2025/...<sup>3+</sup>, il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil dwar kooperazzjoni mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u l-Pulizija Federali tal-Brażil u permezz tagħhom (il-“Ftehim”) ġie ffirmat fi ...<sup>++</sup>, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard.
- (3) Il-Ftehim jistabbilixxi relazzjonijiet ta' kooperazzjoni bejn l-Europol u l-awtoritajiet kompetenti tal-Brażil, u jippermetti t-trasferiment ta' data personali u mhux personali bejniethom, bl-għan li jiġu miġġielda l-kriminalità serja u t-terroriżmu u tiġi protetta s-sigurtà tal-Unjoni u taċ-ċittadini tagħha.
- (4) Il-Ftehim jiżgura r-rispett sħiħ għall-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-“Karta”), inkluż id-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja, rikonoxxut fl-Artikolu 7 tal-Karta, id-dritt għall-protezzjoni tad-data personali, rikonoxxut fl-Artikolu 8 tal-Karta, u d-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess ġust, rikonoxxut fl-Artikolu 47 tal-Karta. Il-Ftehim jinkludi salvagwardji adegwati għall-protezzjoni ta' data personali trasferita mill-Europol skont il-Ftehim.

---

<sup>3</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2025/... ta' ... dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil dwar kooperazzjoni mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u l-Pulizija Federali tal-Brażil u permezz tagħhom (ĠU L, ..., ELI: ...).

<sup>+</sup> ĠU: jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tad-Deċiżjoni li tinsab fid-dokument ST 5616/2025 u daħħal in-numru, id-data u r-referenza tal-ĠU għal dik id-Deċiżjoni fin-nota ta' qiegħ il-paġna.

<sup>++</sup> ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-iffirmar tal-Ftehim li jinsab fid-dokument ST 5618/2025.

- (5) Il-Ftehim ma jaffettwax, u huwa mingħajr preġudizzju għat-trasferiment ta' data personali jew forom oħra ta' kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet responsabbli għas-salvagwardja tas-sigurtà nazzjonali.
- (6) Skont l-Artikolu 218(7) TFUE, huwa xieraq li l-Kunsill jawtorizza lill-Kummissjoni tapprova, f'isem l-Unjoni, l-emendi għall-Annessi II u III tal-Ftehim.
- (7) L-Irlanda hija marbuta bir-Regolament (UE) 2016/794 u għalhekk qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni.
- (8) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-TFUE, id-Danimarka mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha.
- (9) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ta l-Opinjoni tiegħu 2/2025 fl-10 ta' Frar 2025.
- (10) Il-Ftehim jenħtieġ li jiġi approvat f'isem l-Unjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### *Artikolu 1*

Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil dwar il-kooperazzjoni mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u l-Pulizija Federali tal-Brażil u permezz tagħhom, huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni<sup>4</sup>.

### *Artikolu 2*

Għall-finijiet tal-Artikolu 31(2) tal-Ftehim, il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni dwar l-emendi tal-Annessi II u III tal-Ftehim għandha tiġi approvata mill-Kummissjoni wara konsultazzjoni mal-Kunsill.

### *Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha<sup>5</sup>.

Magħmul fi ..., ...

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---

<sup>4</sup> It-test tal-Ftehim huwa ppubblikat fil-ĠU L, ..., ELI: ... [ĠU: jekk jogħġbok daħħal ir-referenza tal-ĠU għad-dokument ST 5618/2025].

<sup>5</sup> Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ser tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.